Ħarġa numru 23: Awwissu, 2014



il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

Ir-rabta bejn il-poeżija u l-gwerra mhix xi ħaġa li twieldet il-bieraħ. Bħalissa qed jitfakkar iċ-ċentenarju mill-bidu tal-Ewwel Gwerra Dinjija li faqqget fit-28 ta' Lulju 1914. Qed jinkitbu bosta artikli li jfaħħru fost oħrajn kemm poeti li għexu personalment dan il-konflitt kif ukoll poeżiji li nkitbu waqt dan il-perijodu.

Is-sit theguardian.com fis-27 ta' Lulju ppubblika l-artiklu "Mirror honours first world war fallen with poetry supplement" ta' Roy Greenslade. L-isem tal-artiklu hu meħud mill-poeżija magħrufa tal-poeta Laurence Binyon, *For the fallen*. Is-sit tal-"Mirror" tella' anki vidjow ta' għadd ta' personalitajiet magħrufa fil-qasam tal-*media* jaqraw versi ta' Binyon, imma anki ta' poeti tal-gwerra oħrajn bħal Wilfred Owen, Siegfried Sassoon u Rupert Brooke.

Il-Mirror.co.uk tad-29 ta' Lulju ppubblikat il-poeżija ta' Richard Aldington, *Bombardment*, li tibda hekk: "Four days the earth was rent and torn/ By bursting steel,/ The houses fell about us;/ Three nights we dared not sleep,/ Sweating and listening for the imminent crash/ Which meant our death." Lili tfakkarni fil-poeżiji li Ġużè Chetcuti kiteb matul it-Tieni Gwerra Dinjija u li ġabarhom fil-ktieb *Melita Invicta* (1945).

Artiklu ieħor tad-29 ta' Lulju u li deher ukoll fuq theguardian.com iġib l-isem ta' "Free of the Taliban, Pakistan's Pashtun Poets revive their craft", miktub minn Aamir Iqbal. Iqbal jikteb dwar is-sens ta' orrur li bosta poeti mill-Waziristan ta' Fuq ħassew meta ġew mitlubin mill-ġellieda Talibani biex jiktbu versi li jinċitaw il-qtil ta' nies innoċenti, u dan f'atmosfera fejn ma kinux aċċettati la l-mużika u lanqas iż-żfin. Ladarba l-istess poeti flimkien ma' eluf ta' refuġjati sabu kenn f'post ieħor, reġgħu bdew jinkitbu versi dwar iż-żgħożija, l-imħabba, il-ħelsien, id-dinjità tal-bniedem, u l-bqija.

Bħalissa għaddej jaħraq - mill-ġdid - il-kunflitt bejn Iżrael u l-Ħamas fl-Istrippa ta' Gaza. L-aħbarijiet jibbumbardjawna bi xbihat imdemmija li jkexkxu u bi statistiċi bierda ta' persuni li sfaw vittmi tal-kunflitt. Anki hawn bosta poeti qed isemmgħu leħenhom - fosthom fuq siti soċjali bħal fb - kontra l-atroċitajiet li qed iseħħu. Insemmi lil poeti u kittieba magħrufin u inqas magħrufin bħal Mario Azzopardi, Adrian Grima, Norbert Bugeja, Andrew Sciberras, John Mallia, Walid Nabhan, Omar Seguna, u mill-Italja, Alberto Figliolia (Milan), li bil-versi tagħhom qed jippruvaw għallinqas iqajmu iktar għarfien tal-ikrah ta' din il-gwerra ġara tagħna.

Kellna wkoll is-serata fil-Palazz ta' Sant'Anton flimkien ma' Yevgeni Yevtushenko bil-poeżija tiegħu *Babi Yar* tinqara kemm bir-Russu kif ukoll bil-Malti.

Kontra t-twemmin tat-Taliban li l-poeżija għandha tintuża bħala arma bellika, l-għan veru tagħha għandu jkun dak li tgħajjat favur il-paċi fost il-ġnus u tipprotesta kontra l-gwerra u kull tip ta' vjolenza.

**sammutpatrickj@gmail.com**

# L-AĦBARIJIET

**LEJLA TA' POEŻIJA U MUŻIKA F'ĦAL SAFI**

Nhar il-Ħamis, 5 ta' Ġunju 2014, l-Għaqda Poeti Maltin flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi, organizzat Lejla ta' Poeżija u Mużika quddiem il-Knisja ta' Santa Marija f'Ħal Safi. Inqraw poeżiji mill-membri tal-Għaqda Poeti Maltin b'tema patrijottika ladarba l-avveniment kien qrib is-Sette Giugno, filwaqt li għadd ta' tfal tal-lokal qraw versi b'tema libera. Fost dawk li qraw il-versi tagħhom kien hemm Rigu Bovingdon u Rosemary Attard mill-Awstrajla. Bovingdon qara versi dwar l-"Imtarrfin", mela dwar l-emigranti Maltin fl-Awstralja, filwaqt li Attard tkellmet dwar l-attivitajiet li jtella' l-Grupp Letteratura Maltija f'Melbourne u qrat versi patrijottiċi tal-mibki Manuel Nicholas Borg. Saviour Sammut qara diskors storiku-dokumentattiv dwar is-Sette Giugno, u parti minn dan ir-rakkont ġie mqiegħed f'versi u moqri mill-membru poeta, Charles Mifsud. Il-lejla ġiet imżewqa mill-mużika sabiħa tan-Novum Ensemble. Inqraw ukoll poeżiji patrijottiċi ta' poeti tal-ewwel nofs tas-seklu 20 bħal Nikol Biancardi u Ġużè Chetcuti. Fl-aħħar tal-lejla kien hemm ukoll riċeviment żgħir.



**Il-President tal-Għ.P.M., Charles Magro, waqt il-Lejla f'Ħal Safi.**

**LEJLA LETTERARJA F'GĦAWDEX**

Il-Lejla Letterarja f'Għawdex mħabbra f'IL-PONT ta' Lulju 2014 u li kellha ssir fl-20 ta' Lulju ma saritx. Minflok ittellgħet fl-1 t'Awwissu.

**IMUTU ŻEWĠ MEMBRI OĦRA TAL-GĦAQDA POETI MALTIN**

Nhar is-27 ta' Ġunju 2014 ħalliena Godwin Cini, membru tal-Kumitat tal-Għ.P.M., fl-età ta' 62 sena. Huwa twieled Raħal Ġdid fit-18 ta' April 1952. Kiteb diversi artikli, sensiliet u poeżiji fuq bosta gazzetti, ġurnali, *magazines* u fuljetti. Kien membru ta' diversi għaqdiet oħrajn, fosthom: Mclaren F1 Malta, l-Għaqda Mużikali Sant'Anna Marsaskala, Saint Ann Choir Marsaskala, l-Għaqda Letterarja Maltija, Kikkra Kulturali, u l-Għaqda tal-Malti (Università). Il-poeżiji tiegħu dehru anki f'pubblikazzjonijiet barra minn Malta. Hu awtur tal-ġabra ta' poeżiji *Miċ-Ċilindri ta' Qalbi* (2004).

Membru ieħor tal-Għ.P.M. kien il-ġurnalist Anton Cassar li miet nhar it-30 ta' Ġunju 2014 fl-għomor ta' 90 sena. Anton, ta' nisel Għawdxi, twieled fit-18 ta' Frar 1924 u trabba l-Marsa fejn baqa' attiv sal-aħħar ta' ħajtu f'bosta għaqdiet soċjali, reliġjużi u filantropiċi. Anton Cassar kien ukoll membru tax-Xirka għat-Tixrid tal-Ilsien Malti kif ukoll tal-Akkademja tal-Malti. Huwa awtur ta' bosta pubblikazzjonijiet, fosthom: *L-Għanja taż-Żgħożija* (1980), *Ir-Russi jitkellmu bil-Fjuri* (1984), *Il-Gwerra Ċivili ta' Spanja* (1987), *Il-Compact* (1991), *Il-Ballata tal-Marsa* (1993), *Il-Konkordat* (2004), *Bejn iż-Żerniq u l-Għabex ta' Ħajti* (2008) u *Ħajti Mhix Kollha Ward u Żahar* (2009).

**TMUT POETESSA TALJANA**

Fit-30 ta' Ġunju mietet il-poetessa minn Turin, Maria Luisa Spaziani, fl-età ta' 91 sena. Mietet f'darha f'Ruma wara ħajja ddedikata lill-kitba u lill-poeżija. L-aħħar pubblikazzjoni tagħha hija *Montale e la volpe* (2011). Il-kitba tagħha hi kkaratterizzata minn ironija niggieża, sinċerità, u anki profondità ta' ħsieb. Rikurrenti fi vrusha t-tema tar-rapport ta' kunflitt bejn il-bniedem u ż-żmien. Meta kellha biss 19-il sena kienet direttriċi tar-rivista "Il Dado" fejn ġew inklużi kitbiet minn tagħha. Kellha kollaboraturi kbar bħal Umberto Saba, Vasco Pratolini u Virginia Woolf. Kellha għal qalbha l-kultura Franċiża u ħadet il-lawrea tagħha b'teżi dwar Marcel Proust. Kienet ħabiba kbira tal-poeta Eugenio Montale, u għallmet il-lingwa u l-kultura Franċiża anki fl-Università ta' Messina. Fost il-pubblikazzjonijiet tagħha: *Giovanna d'Arco* (1990), *Geometrie del disordine* (1981, Rebbieħ tal-Premju Viareggio), *La stella del libero arbitrio* (1986), *I fasti dell'ortica* (1996) u *La traversata dell'oasi* (poeżiji ta' mħabba, 2002).



**Il-poetessa Maria Luisa Spaziani.**

# L-AĦBARIJIET

## POETA NIĠERJAN JAGĦLAQ 80 SENA

Il-poeta Niġerjan Wole Soyinka għalaq 80 sena fit-13 ta' Lulju li għadda. Fl-1986 kien l-ewwel kittieb Afrikan li ngħata l-Premju Nobel għal-Letteratura. Tema rikurrenti f'kitbietu - drammi, rumanzi u poeżiji - hija l-oppożizzjoni kontra d-dittatorjat u l-użu tal-forza kemm f'pajjiżu kif ukoll lil hinn. Huwa twieled f'Abeokuta fl-1934. Studja l-letteratura fl-Ingilterra fis-snin 50. Iddedika ħafna żmien lit-teatru Afrikan fejn ħallat tradizzjonijiet Afrikani ma' oħrajn tal-Punent u inkluda kontenut politiku qawwi. Fost ix-xogħlijiet tiegħu: *Death and the King's Horseman* (dramm, 1975), *The Interpreters* (rumanz, 1964), *Mandela's Earth and Other Poems* (poeżiji, 1988), u *The Burden of Memory - The Muse of Forgiveness* (esejs, 1999).



Il-kittieb Wole Soyinka.

## TMUT IS-SUD AFRIKANA NADINE GORDIMER

Nhar l-14 ta' Lulju mietet f'Johannesburg il-kittieba mill-Afrika t'Isfel Nadine Gordimer, fl-età ta' 90 sena. Kitbet ħafna kontra l-Apartheid u fl-1991 ingħatat il-Premju Nobel għal-Letteratura. Kienet is-seba' mara li ngħatat dan il-premju prestiġġjuż. Fost it-temi li ttrattat hemm l-inġustizzji u l-krudeltà tal-politika tad-diviżjoni razzjali f'pajjiżha u kitbet dwar il-ħajja tal-Afrikani kemm bojod kif ukoll suwed. Kitbet rumanzi (l-ewwel wieħed kien *The Lying Days*, 1953), stejjer qosra (l-ewwel ġabra kienet *Face to Face*, 1949), esejs u kritika letterarja. Fl-2010 ippubblikat il-volum *Telling Times: Writing and Living, 1954-2008.* Kellha anki kotba li ġew iċċensurati fi żmien l-apartheid, fosthom ir-rumanzi *A World of Strangers* (1958), *The Bourgeois World* (1966) u *Burger's Daughter* (1979). Fl-1974 rebħet il-Premju Booker b'*The Conservationist.* Hi twieldet fit-23 ta' Novembru 1923 fi Transvaal. Seamus Heaney sejħilha waħda mill-"guerillas of the imagination".



Il-kittieba Nadine Gordimer.

## LIĠI ANTI-AMAZON FI FRANZA

Fi Franza għadha kemm għaddiet liġi li tgħid li l-bejjiegħa *online* ma jistgħux joffru *free shipping* fuq kotba skontati. Din hija daqqa ta' sieq kbira għal min kien jordna l-biċċa l-kbira tal-kotba minn barra mingħajr ma jħallas spejjeż tal-posta. Hija liġi li trid tipproteġi l-"biblijo-diversità" jew aħjar tagħti spinta lill-bejgħ ta' kotba minn ħwienet indipendenti. Fi Franza hemm ukoll il-liġi "Lang" (1981) li tgħid li l-ebda ħanut tal-kotba ma jista' jagħti iktar minn 5% skont fuq il-kotba. Dan ifisser li l-istess ktieb jinxtara bejn wieħed u ieħor bl-istess prezz fit-territorju Franċiż kollu, anki *online*.

## KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA "MONS. AMANTE BUONTEMPO"

Bħal kull sena l-Għaqda Poeti Maltin nediet il-konkors nazzjonali tal-poeżija "Mons. Amante Buontempo". Min jixtieq jipparteċipa għandu żmien sal-31 ta' Awwissu. Ir-regolamenti jista' jsibhom fil-ħolqa: http://www.ghpm.blogspot.com/2014/07/konkors-nazzjonali-tal-poezija-2014.html

## KITTIEBA MALTIN FL-AWSTRALJA U YOUTUBE

Għal min hu interessat jista' jara DJARJU MALTI MILL-AWSTRALJA fuq youtube.

# L-INTERVISTA

## Raymond Grech

*Raymond Grech (1953 - ) huwa għalliem tat-Teknoloġija tal-Informatika. Jinteressa ruħu fil-Bibbja. Kiteb għadd ta' poeżiji b'temi differenti, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż li dehru f'ġurnali u rivisti lokali u barranin. Huwa produttur u preżentatur ta' programmi letterarji radjufoniċi. Rebbieħ ta' diversi premjijiet f'Konkorsi Nazzjonali u Internazzjonali bil-poeżiji tiegħu.*

**Minn fejn ġej il-bżonn li tikteb il-poeżija? Hu biss bżonn jew hu iktar minn hekk?**

Bdejt nikteb il-poeżija meta kont għadni żgħir, żgħir wisq biex niftakar l-ewwel poeżija li ktibt. Niftakar li l-ewwel poeżija li ħrigt mill-kexxun kont urejtha lill-għalliem tiegħi, is-Sur Frans Sammut. Wara li fela l-poeżija sew, dar fuqi u qalli, "prosit Raymond, poeżija tajba u sabiħa." Dawk kienu waqtiet li saħħewni sabiex inkompli nikteb.

Il-fatt li nikteb il-poeżija ġej minn ruħi, huwa talent mogħti lili, bħall-Ġojjin li Alla tah l-għotja tal-għana u allura jgħanni mhux għax għandu bżonn jgħanni, iżda għax maħluq biex jgħanni.

**Element importanti fil-versi tiegħek hu dak soċjali. Liema huma l-aspetti soċjali li jolqtuk l-iktar u għaliex?**

Kull aspett soċjali kapaċi jqanqalni sabiex nikteb dwaru speċjalment meta tisboq l-ironija jew ċirkostanzi li jġibu tbatija fuq in-nies. Jaffetwani ħafna l-isfregju tal-ambjent, l-ingustizzja u il-ħasil tal-imħuħ fil-kampijiet soċjali, politiċi u reliġużi. Tassew nitnikket meta nara reazzjonijiet negattivi li mhemmx bżonnhom, li jġibu biss ħsara. Meta l-verità tiġi mwarrba inħoss li għandi nagħti sehmi sabiex is-sewwa jkun magħruf, fl-istess waqt is-soluzzjoni tal-problemi li jiffaċċja l-bniedem.

**Spiss wara l-poeżiji tiegħek tispiċċa b'versi mill-Bibbja. Għaliex dan?**

Nista' norbot din it-tweġiba ma' ta' qabilha. Fid-dawl tal-problemi eżistenti u soluzzjonijiet proposti fil-versi tiegħi, inħoss id-dmir li nippreżenta l-fatti. Il-Bibbja maħlula u meħlusa minn kull intrepretazzjoni reliġjuża toffri lill-bniedem l-aħjar mod ta' għixien spiritwali, mentali, emozzjonali u fiżiku. Il-Bibbja fiha eżempji ta' ġrajjiet u personalitajiet li għelbu sfidi u saram fil-ħajja tagħhom. Fosthom Abel, Set, Noè, Abram, Mosè, David, Ġesù, Pawlu u ħafna oħrajn. Il-patrijarki bibliċi għaddew minn tiġrib u sabu t-taħlil f'dak li kienu jemmnu, fl-istess ħin ħallew warajhom eżempji ta' ġrajjiet ta' min jiflihom sew.
1Kor 10:11 Dan kollu ġralhom b'eżempju, u nkiteb bi twiddiba għalina li fuqna wasal tmiem iż-żminijiet.

**Il-poeżija tinkiteb biex tinqara, tinstema' u tinxtered mal-erbat irjiħat. Kemm qed iseħħ dan fil-każ tiegħek u kif?**

Meta bdejt nikteb il-poeżija ma ħassejtx il-bżonn li naqsamha ma' ħaddieħor. Ktibt u ħallejt il-poeżiji tiegħi maqfula ġo kexxun. Mal-milja taż-żmien bdejt nitfa xi poeżija jew tnejn għall-publikazzjoni. Qatt ma ħarist lura u bqajt nippubblika f'gazzetti u rivisti loklai u barranin, kif ukoll qari regolari mal-Għaqda Poeti Maltin fis-serati ta' filgħaxija. Bħalissa qed naqsam il-poeżiji tiegħi fuq *facebook* ma' bosta segwaċi fejn għandi rispons aktar milli stennejt. Per konsegwenza ta' dak li qed isseħħ bil-poeżija tiegħi, qed naħdem fuq tliet kotba għall-pubblikazzjoni.



# RIĦA TA' TABAKK

**Miriam Ellul Costantino**

*Din hija l-ewwel parti ta' novella. It-tieni parti tidher fil-ħarġa li jmiss.*

(mill-kexxun tan-nannu)

Il-vaganzi tas-sajf qorbu lejn tmiemhom u rrid u ma rridtx ikolli nibda nipprepara għas-sena skolastika li ġejja. Is-soltu nkun ħerqana biex immur lura x-xogħol imma din is-sena qisu ma ġiex sajf għalija għax ma kienx hemm x'ma nqalax! Studju, eżamijiet, inkwiet, mard, imwiet ... u kif bħal bdejt nieħu ftit tar-ruħ, lejn l-aħħar t'Awwissu tfixkilt f'ħofra u ksirt sieqi!

Addio l-lezzjonijiet tal-pittura u tal-kant ... kelli nagħmel ġimagħtejn ma niċċaqlaqx, b'sieqi fil-ġibs dritta fuq is-sodda. Imbagħad bdejt nipprova nitgħallem nimxi bil-krozzi ... iżda li għadni sal-lum ma nistax nidra.

Indur 'l hemm u 'l hawn fil-kuritur tad-dar, daqqa ndoqq il-pjanu, daqqa nixgħel il-leptop u oħra noħroġ fil-bitħa ndur mal-pjanti.

Inkella kif se ngħaddih il-ħin?

Ommi u missieri kienu għal btala ġewwa l-Ungerija, u tlabt lir-raġel tat-tifla jniżżilni sad-dar tagħhom biex insaqqilhom u nara rċevewx xi posta. Bqajt dieħla fil-kamra tas-sodda, illi skont ommi kienet kenn għal ħafna membri tal-familja tagħna sa minn żmien il-gwerra u anki wara. Minn dejjem kont inħobbha dik il-kamra tas-sodda *tal-ħares* kif kont insejħilha jien meta kont tifla.

Il-kamra hi mdaqqsa mhux ħażin u tagħti għall-gallerija bi tmien purtelli. Fiha għamara skura antika li ddur ma' sodda kbira tar-ramm. Gwardarobba dejqa u twila, armarju bi tliet mirja mmulati li fuqu hemm friskatur, buqar u xugaman abjad silġ, twaletta rranġata b'sett tal-fidda mill-ifjen u żewġ kommodini mal-ġnub tas-sodda. Xejn ma nbidel minnha din il-kamra ... għadha l-istess kif dejjem niftakarha fi żmien tfuliti. Jien u dieħla nħsadt għal kemm-il darba mal-ħoss ta' maduma tiċċaqlaq hekk kif irfist fuqha.

Ommi tieħu ħsiebha b'mod partikolari għax tgħid illi din is-sodda laqgħet ħafna ħajjiet ġodda u anki saħansitra wasslet ħafna oħrajn għall-ħajja ta' dejjem. Ma' dan il-ħsieb tal-aħħar ħassejt tkexkixa bard ma' ġismi kollu imma fl-istess ħin tbissimt x'ħin ħarsti waqgħet fuq il-kexxun tal-kommodina tan-naħa ta' fejn kien jorqod in-nannu, illi minjaf kemm-il darba meta kont żgħira, kont nifitħu u noqgħod ingerfex fih. Intfajt bilqiegħda fuq il-ġenb tas-sodda u maħkuma mill-istess entużjażmu ta' ċkuniti ftaħt il-kexxun u dlonk ħarġet riħa ta' tabakk illi mill-ewwel ħaditni tmienja u erbgħin sena lura fiż-żmien.

********

It-tfulija tiegħi kienet waħda sabiħa. Meta kelli sentejn ommi kienu niżlu joqogħdu l-pjazza ta' Raħal Ġdid flimkien man-nanniet. Minbarra n-nanniet, fl-istess dar kienu joqogħdu wkoll ħut ommi, żewġ ġuvintur iżgħar minnha ... wieħed jaħdem ma' tat-telegrammi u l-ieħor infermier l-isptar San Luqa. Magħhom ukoll kienet toqgħod iz-Zija Ġinni, kif konna nsejħulha aħna, li kienet tiġi oħt in-nanna Tonina.

In-nannu Ġużeppi, missier ommi, kien raġel qsajjar u rqiq b'għajnejh żgħar skuri u jleqqu mħassba. Raġel kwiet u ta' ftit kliem illi l-uniku ħoss li kien joħroġ minn fommu kienet xerqa kontinwa illi kienet taħkmu riżultat tat-tipjip li kien ipejjep. Qatt ma naf li smajtu jgħajjat jew jirrabja ... ħlief għal meta kont nagħmel xi waħda minn tiegħi jien jew meta tqabbiżhomlu n-nanna meta kien ikollha xi tgħid miegħu fuq l-imbierka politika.

Għalih, raġel minn Bormla akkanit għall-Kunċizzjoni, il-Perit Duminku Mintoff kien jiġi l-ewwel u qabel kollox bħalma kien jiġi l-ewwel Ġorġ Borġ Olivier għal nannti. Ta' sikwit kienu jitlewmu speċjalment meta tasal xi elezzjoni ... erħilhom jitgħajru bil-politika u bir-reliġjon. Minkejja dan xorta għexu għerusija u żwieġ f'imħabba mistura għalihom it-tnejn biss.

**[tissokta f'paġna 6]**

# RIĦA TA' TABAKK

Kont...

In-nannu, li kien barbier Bormla, il-Belt u Tas-Sliema kien tefa' ħarstu fuq in-nanna sa minn meta kellu xi tmintax-il sena, iżda minħabba xi impedimenti li nqalgħu ma riduhomx jiltaqgħu u n-nanniet baqgħu jagħmlu dan bil-moħbi. Ma qatgħux qalbhom jistennew sakemm fl-aħħar wasal jum it-tieġ u l-Bambin żejjinhom bi tlett itfal li fosthom kien hemm ommi.

L-isfog tan-nannu kienu logħba karti u tazza nbid il-Każin tal-Banda fejn kien jiltaqa' ma' xi erbat iħbieb u jqattgħu sagħtejn 'il bogħod mit-tgergir tan-nisa u l-qilla tat-tfal. Mal-għaxra kien jinġabar lura d-dar, jintasab fuq il-pultruna li tidbandal, li kien hemm bejn il-kamra u l-gallerija u jqabbad il-pipa. Mhux l-ewwel darba li kont nisma' n-nanna tgerger għax kien jorqod bil-pipa mqabbda bejn xofftejh. Hu kien jibqa' sieket jismagħha għax kien jaf illi għandha raġun u għalxejn jirrispondiha ... kien jaf illi fil-ġewwieni ta' qalbha n-nanna kienet tħobbu b'imħabba kbira.



In-nannu ma kellux lin-nanna biss taqbad miegħu! Jien ukoll kont inħobb narah jirrabja ... ma nafx għaliex. Forsi minħabba li kont tifla waħdi fost ħafna kbar ridt niġbed l-attenzjoni u nuri li jien qiegħda hemm ukoll.

Niftakar ħafna episodji ħelwin illi jgħaddi kemm jgħaddi żmien qatt mhuma se jitħassru mill-arkivji ta' moħħi. Darba minnhom, Miss Ġiovanna, soċja tal-Museum, li kellha skola ta' tlett ikamamar kollox, kienet qaltilna illi biex il-flieles ifaqqsu minn ġol-bajda jridu jkunu fis-sħana.

L-annimali minn dejjem kont inħobbhom u klieb u qtates minn dejjem kellna fid-dar. In-nanna kienet trabbi bċieċen, tiġieġ u fniek iżda flieles qatt ma kellha. Waqt il-lezzjoni tal-flieles dlonk daħalli ħsieb! Lura d-dar ftaħt il-friġġ qbadt erba' bajdiet u mort poġġejthom bl-ikbar attenzjoni f'waħda mill-brieret tan-nannu. Il-beritta bil-bajd poġġejtha fil-qiegħ tal-gwardarobba u fuqha għamilt xi ġerżijiet u xalel tan-nannu.

Serraħt rasi li għandhom biżżejjed sħana u tlaqt 'il barra. Fil-jiem ta' wara kont nistenna l-ħin li ma jkun hemm ħadd fil-kamra u mmur nagħti titwila biex nara jekk kienx faqqas xi ħaġa. Iżda għalxejn. Il-flieles baqgħu ma tfaċċawx. L-istorja tal-flieles intesiet sakemm darba waqt li kont fil-kamra tiegħi nilgħab nisma' n-nannu jgħajjat b'ħanġra daqsiex lin-nanna u jistaqsiha x'il-imniefaħ kienu qegħdin jagħmlu erba' bajdiet fil-gwardarobba fil-beritta tiegħu! Jien ħriġt imwerwra mill-kamra u ttawwalt 'l isfel u hemm fil-bieb tal-kamra tal-*ħares* rajt lin-nannu b'żewġ bajdiet mifqugħa fuq rasu bl-isfar ta' waħda minnhom iċarċar ma' widnejh. Dak il-ħin fuq ir-*rediffusion* kienet qed tindaqq *"I Can't stop Loving You"* ta' Ray Charles ... li nzertat il-kanzunetta favorita tiegħu. Dakinhar żgur ma semagħhiex!

Din kienet waħda biss mill-ħafna praspar li għamilt lin-nannu ... li kieku kelli nirrakkuntahom kollha qatt ma nispiċċa.

Wiċċu kien jixgħel meta jasal il-Milied u joħodni miegħu għall-festin li kienu jorganizzaw il-Każin tal-Banda li tiegħu kien membru. Niftakar kien iħeġġeġ 'l ommi biex tfittex tlibbisni l-aħjar libsa u tomxotli xagħri qabel ma jsir il-ħin biex nilħaq post quddiem. Dritt dritt kien jaqbadli idi u jitlaq bija ferħan lejn il-każin, li kien biss ftit passi 'l bogħod mid-dar. "Din it-tifla l-kbira tat-tifla" kien itenni lil kull min niltaqgħu miegħu fi triqitna lejn il-każin.

Lil ommi kien iħobbha ħafna. Kienet l-ewwel wild tiegħu u kienet mara bil-għaqal ukoll. Kien jiddejjaq jaraha dejjem ġewwa tipprova tlaħħaq mal-faċendi u mat-tisjir. Tliet sulari fihom u darba fettillu ġab waħda biex tgħin lil ommi fix-xogħol tad-dar. Kien qallu biha xi wieħed minn sħabu ... iżda nesa jgħidlu biex ma nħallux affarijiet ta' valur fejn jidhru! Dakinhar filgħaxija mid-dar naqsu arloġġ tal-polka u ċurkett ... u 'l dik il-mara qatt ma rajnieha aktar!

[tkompli]

# IL-POEŻIJI

**ARMONIJA**

Il-knisja sabiħa, bil-ġebel u skultura,
bi irħam, damask, fjuri;
u slaleb, artali u l-isbaħ pittura.

Il-knisja sabiħa, bl-istatwi imżejna,
bit-talb, priedki u riti;
minn fomm u minn id il-qaddis wiċċu lejna.

Il-knisja sabiħa mballata,
jitolbu devoti;
bil-fidi ġo qalbhom, fis-skiet issummata.

U magħhom dawk kollha li għażli l-għana,
ħa' jfaħħru lil Alla.
Oħrajn jgħannu magħhom, fis-sedqa ferħana.

Mal-orgni, kitarri u b'tant armonija,
tinbidel dik il-knisja;
u ssir qisha ġenna, li bl-anġli mimlija.

**GODWIN CINI**

**GĦAQDA FIL-FIRDA**

Imbiegħed minnek,
iżda qatt iżjed qribek;
leħnek le nisma',
xorta nifhmek imma;
baħar bejnietna jaqsam,
u delli b'dellek ilaħħam;
mili sħaħ jifirduna,
u fl-istess waqt idi f'idek kuruna;
ma nafx fejn tmedd riġlek,
biss ħsiebi ħsiebek;
ta' xejn idejja għalik niftaħ,
u dlonk b'xoffti ma' xofftok nifraħ.

F'bewsa taħraq mgħaqqda,
waqt triqtna mifruda għadha.

**LINO GRECH**
**(Mill-ġabra ta' poeżiji *Għerf il-Bniedem*, 2008)**

**F'ĦISER IL-KANTUNIERA...**
**(lin-nies ta' Ħ'Attard, fil-festa ta' Santa Marija)**

f'ħiser il-kantuniera
hemm niċċa miżbugħa bla ħġieġa...
hemm niċċa miftuħa
bi statwetta żgħira,
żgħira tal-madonna...
li bħan-nida fiddiena
għajnejha jleqqu...
hemm niċċa arkata
bix-xemgħat lewn ir-roża tal-warda
jnemnmu bħal kwiekeb lejlija...

f'ħiser il-kantuniera
hemm ħarsa siekta
li bħax-xemx tixgħel,
hemm ħarsa solitarja
li tħenn u tagħder,
hemm ħarsa
ta' mħabba...
għalik u għalija...

**MARIO F. BEZZINA**
**(mill-ġabra ta' poeżiji *Fis-Skiet Nemmen*, 1999)**

**A TWILIGHT ANGEL**

In the quietude of twilight
a solitary angel
walks softly through
ancient and modern
stone dwellings; through,
human thoughts feelings,
And knowingly, right along
the unchartered paths of freedom...

Friend of the planets, moons, stars,
nearby and distant galaxies,
the joyful angel
strings all earth years
within the phoenix spiral
of cosmic time...

In subtle silence
the guardian spirit
disperses sacred seeds
that take root unawares
in insightful, inspirited dreams...

**MARLENE SALIBA**
**(Mill-ġabra ta' poeżiji *Xbihat tal-Antenati/Ancestral Visions*, 2011)**

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***META D-DMUGĦ MA JINXIFX* ta' Anthony Farrugia, Dom Communications, 2014.**

Dan huwa t-tielet rumanz ta' Anthony Farrugia, li jikteb ukoll il-poeżija. F'dawn il-ftit iktar minn mitt paġna wieħed jaqra dwar il-martirju li wieħed iħoss meta jara li lil min iħobb ma jkunx jista' jagħmel xejn għalih fl-aktar ħin terribbli tal-ħajja. Farrugia hawn jgħaqqad esperjenzi jew "destin" ta' tliet tfajliet - Karen, Nadia u Angie - li kienu joqogħdu fl-istess binja ta' appartamenti u jattendu l-istess skola, li sfaw mifnija b'inkwiet serju fil-familja, meta f'żgħożithom ir-riħ nefaħ b'saħħa kbira kontra tagħhom. L-iktar karattru iebes hu dak ta' Angie, li tmexxihom sa ma jaraw li jirnexxilhom f'dak li kienu bdew jemmnu fih. Iżda lil Angie jibda jifniha u jnawwar il-karattru tagħha sigriet mistur. Dan hu rakkont miktub b'lingwa li tinftiehem u li ma jgħajjiex lil dak li jkun u li jittratta mħabba, għira, xewqa ta' vendikazzjoni, sens ta' abbandun, imma anki r-rwol tal-ġenituri. Farrugia jibbaża ħafna fuq il-*patos* ħalli jinvolvi lill-qarrejja f'dan ir-rakkont attwali tiegħu.




**NOTI FUQ IL-POEŻIJA RELIĠJUŻA MALTIJA—Knisja elfejn Nru 108, Editjat minn P. Raymond Gatt OP.**

Il-Knisja ilha żmien twil tagħti l-kontribut tagħha fil-qasam kulturali. U dan tagħmlu llum anki permezz tal-bosta rivisti li toħroġ regolarment, fuq kollox bl-ilsien Malti. Din il-ħarġa tar-rivista *Knisja elfejn* tikkonċentra fuq il-poeżija reliġjuża Maltija matul il-medda ta' għeluq is-seklu 19 u tas-seklu 20. Tiġbor fiha tmien studji miktubin minn Dr Josette Attard, Patrick Sammut, P. Mark Montebello OP, Joseph Vella, P. Charlò Camilleri O. Carm, Alexia Joan Azzopardi, Marcel Zammit Marmarà u l-Prof. Charles Briffa. Naqraw dwar ir-relazzjoni tal-Letteratura mar-Reliġjon, l-esperjenza reliġjuża fil-Poeżija Maltija tas-seklu 20 u bidu tas-seklu 21, il-poeżija reliġjuża ta' Manwel Dimech, "Dan l-univers ta' tjieba u dija..." ta' Dun Karm Psaila, Patri Anastasju Cuschieri bħala poeta u kittieb Marjan u reliġjuż, l-element reliġjuż fil-poeżiji ta' Dun Frans Camilleri, l-element reliġjuż fit-tfulija u ż-żgħożija ta' Karmenu Vassallo, u monumenti tal-intellett fil-poeżija reliġjuża ta' Oliver Friggieri.




***BEJN ĦALTEJN - BIEX TIFHEM AĦJAR* ta' John Caruana, 2014.**

John Caruana ilu snin twal joffri lill-istudenti tal-Malti livell ĊES kotba ta' għajnuna f'rabta mal-qasam tal-letteratura. Din il-pubblikazzjoni għandha l-għan ewlieni li tgħin lill-istudent li jixtieq jieħu bis-serjetà l-kritika letterarja, b'mod partikulari l-analiżi ta' dawk il-poeżiji u l-kitbiet ta' proża li ntgħażlu għas-sillabu taċ-ĊES fil-Malti, u li huma miġburin fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn*. Hawnhekk Caruana jittratta l-analiżi kritika ta' dawn ix-xogħlijiet ta' kittieba u poeti differenti b'mod sempliċi u dirett. Huma siewja qatigħ il-mistoqsijiet li jsegwu kull analiżi. Jekk dawn jitwieġbu b'responsabiltà u b'rabta diretta mat-test, allura l-istudent ikun qiegħed jibni tħejjija xierqa biex tiggwidah waqt l-eżami. Din il-preparazzjoni tkun aktar sħiħa jekk l-istudent jagħti titwila lit-tnax-il mistoqsija marbutin mal-komponiment letterarju u jagħraf kemm huwa lest iweġibhom.